



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.8.2015
COM(2015) 384 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju ta' delega ta' setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta'
implimentazzjoni skont l-Artikolu 112a tad-Direttiva 2009/65/KE tat-13 ta' Lulju 2009**

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju ta' delega ta' setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 112a tad-Direttiva 2009/65/KE tat-13 ta' Lulju 2009

1. Introduzzjoni

Id-Direttiva 2009/65/KE tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) tat setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikoli 12, 14, 23, 33, 43, 51, 60, 61, 62, 64, 75, 78, 81, 95 u 111 ta' din id-Direttiva. Dawn is-setgħat għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mill-4 ta' Jannar 2011, u dan sal-4 ta' Jannar 2015.

2. Bażi legali tar-rapport

Skont l-Artikolu 112a tad-Direttiva 2009/65/KE, il-Kummissjoni kellha tfassal rapport fir-rigward ta' dawn is-setgħat delegati mhux aktar tard minn 6 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin, jiġifieri qabel l-4 ta' Lulju 2014.

3. Eżerċizzju tad-delega

Il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat mogħtija permezz ta' erba' Atti ta' Implimentazzjoni adottati fl-1 ta' Lulju 2010:

- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 583/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħrif ewlieni għall-investitur u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati meta jingħata tagħrif ewlieni għall-investitur jew il-prospett b'mezz li jibqa' li mhuwiex stampat jew permezz ta' sit elettroniku
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 584/2010 tal-1 ta' Lulju 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-forma u l-kontenut tal-ittra ta' notifika u attestazzjoni UCITS standardizzati, l-użu ta' komunikazzjoni elettronika bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' notifika, u proċeduri għal verifiki fuq il-post u investigazzjonijiet u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 2010/42/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw fużjonijiet ta' fondi, strutturi prinċipali alimentatriċi u l-proċeduri tan-notifikazzjoni
- Id-Direttiva tal-Kummissjoni Nru 2010/43/UE tal-1 ta' Lulju 2010 li timplimenta d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti

organizzazzjonali, il-konflitti ta' interess, il-kondotta fin-negozju, l-immaniġġjar tar-riskji u l-kontenut tal-ftehim ta' bejn id-depożitarju u l-kumpanija maniġerjali

It-tabella iktar 'l isfel turi liema atti jinkludu l-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skont is-setgħat speċifiċi:

Setgħat fid-Direttiva 2009/65/UE	Att ta' Implimentazzjoni; Artikolu
Artikolu 12	Implimentat fil-Kapitoli 2 u 3, l-Artikoli 4 sa 21 tad-Direttiva 2010/43/UE.
Artikolu 14	Implimentat fil-Kapitoli 2, 3 u 4, l-Artikoli 4 sa 29 tad-Direttiva 2010/43/UE.
Artikolu 23	Implimentat fil-Kapitolu 5, l-Artikoli 30 sa 37 tad-Direttiva 2010/43/UE.
Artikolu 33	Implimentat fil-Kapitolu 5, l-Artikoli 30 sa 37 tad-Direttiva 2010/43/UE.
Artikolu 43	Implimentat fil-Kapitolu 2, l-Artikoli 3 sa 7 tad-Direttiva 2010/42/UE.
Artikolu 51	Implimentat fil-Kapitolu 6, l-Artikoli 38 sa 45 tad-Direttiva 2010/43/UE.
Artikolu 60	Implimentat fil-Kapitolu 3, l-Artikoli 8 sa 23, 25 u 28 tad-Direttiva 2010/42/UE.
Artikolu 61	Implimentat fil-Kapitolu 3, l-Artikoli 24 u 26 tad-Direttiva 2010/42/UE.
Artikolu 62	Implimentat fil-Kapitolu 3, l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2010/42/UE.
Artikolu 64	Implimentat fil-Kapitolu 3, l-Artikolu 29 tad-Direttiva 2010/42/UE.
Artikolu 75	Implimentat fir-Regolament (UE) Nru 583/2010.
Artikolu 78	Implimentat fir-Regolament (UE) Nru 583/2010.
Artikolu 81	Implimentat fir-Regolament

	(UE) Nru 583/2010.
Artikolu 95	Implimentat fil-Kapitolu 4, l-Artikoli 30 sa 33 tad-Direttiva 2010/42/UE.
Artikolu 111	Mhux eżerċitat billi huwa artikolu fakultattiv ("jista") li jkopri emendi tekniċi għad-Direttiva.

4. Konklużjoni

B'dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonforma mal-obbligu tar-rapportar fl-Artikolu 112a tad-Direttiva 2009/65/KE.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.